# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Tessuti u Moda

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: __x__**
**Akkademika**: ___
**Vokazzjonali: ___**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
L-iskop ewlieni tal-programm applikat tal-istudju tat-Tessuti u Moda huwa li jipprovdi lill-istudenti b'esperjenza prattika relevanti fid-dinja affaxxinanti tal-moda. Matul dan il-programm, l-istudenti jiżviluppaw l-attrazzjoni u l-kapaċità li jiġġeneraw ideat u kunċetti biex jgħinu lill-klijenti jagħmlu l-għażla t-tajba. Jgħin ukoll lill-istudenti bil-ħiliet bażiċi tal-ħjata u ħiliet relatati filwaqt li jiżviluppaw firxa ta' ħiliet fl-iddisinjar u l-ħjata. L-istudenti jitgħallmu wkoll il-ħiliet bażiċi fid-disinn tal-moda u se jkunu jistgħu jużaw softwer diġitali biex ifasslu ħwejjeġ tal-moda. Għandhom jiġu prodotti oġġetti tal-moda u soft furnishings b'mod kreattiv inklużi purtieri u kuxxini. Barra minn hekk, l-istudenti se jkunu mgħammra bl-għarfien bażiku u l-kunfidenza biex jaħdmu affarijiet tagħhom stess adatti għal spazju tal-għajxien.

**Lista ta' temi studjati:**

a. attitudni pożittiva biex tipprovdi l-aħjar servizz għall-konsumatur f'ambjent ta' xogħol;
b. l-esplorazzjoni ta' fibri u drappijiet differenti, il-proprjetajiet tagħhom, l-użu u l-kura tagħhom;
ċ. finituri tad-drapp;
d. kalkolu ta' drapp għal proġetti differenti inkluż soft furnishings;
e. l-użu ta' għodod u tagħmir tal-ħjata u tad-disinn li jinstabu fl-istudjo tal-moda;
f. il-ħolqien ta' oġġetti kreattivi permezz tal-użu ta' tekniki u tiżjin differenti biex tissebbaħ l-apparenza tiegħhom - bħal żigarella, batik, stampar, patchwork u insiġ;
ġ. produzzjoni ta' mood boards għal diversi oġġetti kreattivi bit-tessuti;
g. tfassil u tpinġija tal-moda;
għ. użu ta' softwer diġitali biex jiġu ddisinjati l-ilbies;
h. tfassil ta' ħwejjeġ għal forom ta' figuri, etàjiet u okkażjonijiet differenti;
ħ. disinn tal-mudell u l-użu ta' softwer diġitali;
i. ir-rota tal-kulur;
ie. esperimentazzjoni fuq drappijiet biex ikunu identifikati proprjetajiet differenti;
j. isiru oġġetti b'tessuti differenti permezz ta' ħiliet bażiċi tal-ħjata;
k. portafoll - inklużi kampjuni ta' xogħol bħal tpinġijiet tal-moda, alterazzjonijiet tal-mudell, tekniki tal-ħjata u tekniki kreattivi, xogħol kreattiv, ħwejjeġ u soft furnishings.

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**
L-istudenti jingħataw l-opportunità li jesperimentaw bi drappijiet, żebgħa, kuluri u jużaw softwer tal-kompjuter filwaqt li fl-istess ħin jipprattikaw bl-għodod u tagħmir li jgħinuhom jifhmu kunċetti fl-industrija tal-moda u tat-tessuti. Xogħol individwali, fi grupp, diskussjonijiet u esperimenti huma wħud mill-modi li l-istudenti se jkunu involuti fihom meta jkunu qed jistudjaw it-Tessuti u Moda. Attivitajiet prattiċi oħra jinkludu, tfassil ta' ħwejjeġ, dimostrazzjonijiet ta' xogħol prattiku u tekniki bażiċi tal-ħjata.

| |
|---|
| |
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br>Ix-xogħol assenjat għad-dar huwa mmirat biex jitkomplew il-kompiti. Xi ħidmiet jistgħu jinkludu riċerka u xogħol bil-miktub, kreazzjoni ta' mood board, skeċċjar ta' disinji tal-figura, role play u l-prattika ta' ħiliet fil-ħjata fl-istudjo tal-moda tal-iskola. |
| **Assessjar mogħti:**<br><br>Matul it-tliet snin l-istudent jlestu 3 units.<br>Kull unit huwa assessjat kif ġej:<br><br>• żewġ kompitu li jikkonsisti f'kompitu miktub u ieħor prattiku, li jammontaw għal 70% tal-marka annwali<br>• assessjar ikkontrollat wieħed (eżami bil-miktub) li jġorr 30% tal-marka annwali li jsir fl-aħħar tas-sena skolastika.<br><br>Il-marki miksuba fid-9, l-10 u l-11-il sena jsarrfu fir-riżultat tas-SEAC. |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br><br>• Ħiliet ta' komunikazzjoni<br>• Ħiliet esperimentali u ta' investigazzjoni<br>• Tekniki tal-immaġni u skeċċjar<br>• It-tekniki tal-kejl, qtugħ ta' mudell u kisi bid-drapp<br>• Ħiliet tal-ħjata<br>• Apprezzament tal-kulur, tessut u għamla<br>• Abbiltà li jiġu żviluppati tendenzi tal-moda<br>• Ħiliet ta' tfassil/tpinġija<br>• L-użu tat-teknoloġija diġitali fil-moda |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>• Il-kreattività<br>• Kapaċità artistika<br>• Għajnejn għad-dettall<br>• Interess fil-laqgħat mal-persuni. |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:: Benveyl Sant** |
| **Indirizz Elettroniku**: benveyl.sant@ilearn.edu.mt |